MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Numru 37/1996

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Martin Dimech**

**Il-Qorti**:

Rat is-sentenza moghtija fl-20 ta' Jannar 1999 mill-Qorti Kriminali li tghid hekk:

"Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza nru. 37/96;

Rat il-verdett tal-gurati li bih, b'seba' voti favur u tnejn kontra sabu lill-akkuzat hati skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza, b'dan li l-offiza fuq il-persuna kienet ta' natura hafifa; unanimament sabuh mhux hati skond it-tieni kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza; b'seba' voti favur u tnejn kontra hati skond it-tielet kap tal-istess Att ta' Akkuza b'dan li l-oggett kien jiswa aktar minn elf lira; u, finalment, il-gurati sabu lill-imsemmi Martin Dimech unanimament hati skond ir-raba' kap tal-Att ta' Akkuza;

Rat il-verdett addizzjonali tal-gurati li bih unanimament sabu lill-akuzat hati li hu recidiv f'delitt skond l-Att ta' Akkuza;

Tiddikjara lill-akkuzat mhux hati skond it-tieni kap tal-Att ta' Akkuza, u tilliberah minn dan il-kap;

Tiddikjarah hati ta' serq ta' oggetti li jiswew aktar minn elf lira, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (offiza hafifa fuq il-persuna, sekwestru tal-persuna, theddid, armi u numru), mezz (ghata tal-wicc) u valur, u dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza; tiddikjarah hati ta' ricettazzjoni u cioe` talli xjentement, meta kien jaf li gejjin minn serq, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti jiswew izjed minn elf lira, u dan skond it-tielet kap tal-Att ta' Akkuza; tiddikjarah ukoll hati li saq 'motor car' b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz, u dan skond ir-raba' kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza;

Tiddikjara lill-akkuzat Martin Dimech hati li hu recidiv f'delitt skond l-Att ta' Akkuza;

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-gravita` tal-akkuza skond l-ewwel kap u l-ammont ta' flus li nsterqu mill-fergha tal-Bank of Valletta ta' Hal-Qormi, il-fedina penali refrattarja tal-akkuzat, kif ukoll iz-zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz;

Rat l-Artikoli 17(h), 22, 31, 49, 50, 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 274(c). 275, 277(b), 279(b), 280(2), 334(a) u 533 tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65;

Tikkundanna lill-imsemmi Martin Dimech ghall-piena ta' tmien (8) snin u disgha (9) xhur priguneria, kif ukoll tikkundannah ihallas lir-Registratur is-somma ta' erba' mija u sitta w erbghin lira u sittax-il centezmu (Lm446.16c) spejjez peritali konnessi ma' din il-kawza u dan fi zmien xahar mil-lum."

Rat li minn din is-sentenza l-akkuzat ipprezenta rikors ta' appell fit-2 ta' Frar 1999 li bih talab li din il-Qorti tilqa' l-appell tieghu kontra d-dikjarazzjoni ta' htija maghmula fir-rigward tal-Ewwel Kap u tat-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza u thassar l-istess dikjarazzjoni ta' htija u tordna li jigu registrati sentenza u verdett ta' liberazzjoni minnhom filwaqt li tikkonferma l-htija tieghu fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' htija fir-rigward tar-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuza biss u konsegwentement taghtih sentenza li tkun taghmel ghas-sejbien ta' htija dwar id-delitt imsemmi fir-Raba' Kap biss u, alternattivament, tirriforma l-piena nflitta fuqu mill-Ewwel Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Mir-rikors ta' appell jirrizulta li l-appellant ghandu s-segwenti aggravji:

(1) Li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li seta' kellhom influwenza fuq il-verdett;
(2) Li, fir-rigward ta' sejbien ta' htija tieghu taht l-Ewwel Kap u taht it-Tielet Kap, huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza u dan ghar-raguni li l-gurati ma kellhomx bizzejjed fuq xhiex jaslu ghal verdett ta' htija kif fil-fatt waslu;

(3) Li, fi kwalunkwe kaz, il-piena inflitta fuqu kienet wahda gravuza ferm.

Ghall-ahjar istruzzjoni ta' din is-sentenza, din il-Qorti se tikkonsidra l-aggravji fl-ordni li fih inghataw u ghalhekk se tibda biex tikkonsidra l-ewwel aggravju li, kif jirrizulta mir-rikors ta' appell, jinkorpora fih zewg ilmenti, cioe` li l-Imhallef li ppresjeda l-guri naqas li jispjega lill-gurati wiehed mill-elementi essenzjali tal-komplicita` u li l-istess Imhallef indirizza lill-gurati b'mod zbaljat dwar provi migjuba mill-appellant (allura l-akkuzat).

Dwar l-ewwel ilment l-appellant ighid li ghalkemm l-Imhallef li ppresjeda l-guri spjega lill-gurati diversi aspetti tal-komplicita` fil-ligi taghna, naqas li jispjega lill-gurati illi wiehed mill-elementi essenzjali hu dak illi l-att tal-komplici jrid fil-fatt ikun ghen lill-awtur fit-twettiq tad-delitt. Skond l-appellant dan hu rilevanti hafna minhabba f'dak li rrizulta mill-provi, u dan in-nuqqas seta' influwenza lill-gurati fid-deliberazzjoni taghhom.

Minn ezami li din il-Qorti ghamlet ta' l-indirizz, dan in-nuqqas li minnu qieghed jilmenta l-appellant ma jirrizultax. Difatti l-Imhallef li ppresjeda l-guri sahansitra spjega lill-gurati d-differenza li tghaddi bejn min jista' jitqies li huwa ko-awtur u min jista' jitqies li huwa komplici. Kwantu ghall-komplicita` l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal hekk:

"Naraw x'inhuwa l-komplici. Il-komplici huwa dak li ghalkemm ma jippartecipax materjalment fis-serqa … jaghmel xi haga, bi ftehim maghhom, jigifieri jkun hemm il-ftehim minn qabel maghhom, biex **jghinhom** jew fil-preparazzjoni tas-serqa, per ezempju biex jaslu fuq il-post, ghax dik hija parti mill-preparazzjoni tas-serqa ghax biex tisraq post trid tmur f'dak il-post, jew fit-twettiq tas-serqa, waqt li qed issir is-serqa, wiehed imur jaghmel haga, l-iehor imur jaghmel ohra, iehor jiffirma lil dak, ecc. anke min ikun qieghed … **jghinhom** fit-twettiq tas-serqa per ezempju billi joqghod ghassa barra, sewwa …. Dan ikun qieghed **jghinhom** fit-twettiq ghax waqt li tkun qeghda ssir is-serqa gewwa, ghandhom il-guard barra li qieghed ghassa. Jew inkella, dejjem bi ftehim maghhom

mela, jew fil-preparazzjoni jew fit-twettiq tas-serqa, jew **jghinhom**, pero` dejjem bi ftehim minn qabel maghhom, biex wara s-serqa jaharbu, jew biex ma jinqabdux jew biex jiddisponu mir-refurtiva. L-importanti huwa naturalment li jkun hemm il-ftehim minn qabel. …. Allura f'dan il-kaz, jekk jirrizultalkom illi kien hemm xi hadd li, bi ftehim mal-hallelin li kienu gewwa, fil-bank, jekk jirrizultalkom illi kien hemm hallelin gewwa ghax din hija kwistjoni taghkom, pero` jekk jirrizultalkom illi kien hemm hallelin fil-bank u dan bi ftehim maghhom mhux mar fuq il-post u pprezenta ruhu, imma gie wara apposta biex jipprovdilhom il-mezz tat-trasport biex jaharbu, sewwa, dak huwa l-figura tal-komplici. Jew inkella, jekk din il-persuna per ezempju, ghalkemm marret fil-vicinanzi, intom ma tistghux tghidu li pprezentat ruhha fuq il-post tad-delitt ghax tghidu ma kinitx vicin bizzejjed biex din **taghti l-ghajnuna** lill-hallelin jew halliel gewwa dak il-hin. Dik il-persuna tkun ukoll il-komplici, mhux il-ko-awtur, sinjuri gurati."[1] (**enfazi ta' din il-Qorti**)

U bhalma qal Lord Hailsham, L.C. f'*R. v. Lawrence* [1982] A.C. 510 at 519, H.L. (Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2001, para. 4-368, p. 453):

**'It has been said before but obviously requires to be said again. The purpose of a direction to a jury is not best achieved by a disquisition on jurisprudence or philosophy or a universally applicable circular tour round the area of law affected by the case. The search for universally applicable definitions is often productive of more obscurity than light. A direction is seldom improved and may be considerably damaged by copious recitations from the total content of a judge's notebook. A direction to a jury should be custom-built to make the jury understand their task in relation to a particular case.'**

Ghalhekk jirrizulta li l-gurati gew indirizzati korrettement dwar il-figura tal-komplici u b'mod li l-gurati setghu jifhmu

---

[1] Pagna 41 tal-kopja traskritta ta' l-indirizz.

n-natura tal-partecipazzjoni ta' komplici fir-reati hawn in ezami.

Konsegwentement dan l-ewwel ilment huwa respint.

Dwar it-tieni ilment ta' l-ewwel aggravju tieghu, l-appellant isostni li l-Imhallef li ppresjeda l-guri matul l-indirizz tieghu rrefera ghall-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi hekk: *"Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra l-ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti"*, u qal lill-gurati li dan kien japplika kemm ghall-prosekuzzjoni u kif ukoll ghall-akkuzat. Skond l-appellant, l-interpretazzjoni ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri li dan is-sub-inciz japplika ghall-akkuzat hu zbaljat peress illi skond il-ligi taghna l-akkuzat ma hu obbligat jipprova xejn. Dan, fil-fehma ta' l-appellant, seta' influwenza lill-gurati fid-deliberazzjoni taghhom dwar jekk ghandhomx jemmnu lill-akkuzat jew le.

Huwa facli li jigu kkritikati siltiet u frazijiet ta' indirizz, izda dawn iridu jigu kkunsidrati fil-kuntest taghhom, u dan apparti li l-indirizz ghandu jigi kkunsidrat fit-totalita` tieghu. Fir-rigward ta' dan l-ilment ta' l-appellant, minn qari akkurat ta' l-indirizz din il-Qorti m'ghandhiex dubju li l-appellant m'ghandux ragun. Jigi osservat l-ewwelnett li sa mill-bidu nett fl-indirizz tieghu l-Imhallef li ppresjeda l-guri enfasizza l-fatt li l-akkuzat ma hu obbligat jipprova xejn. Spjega wkoll, korrettement, li jekk l-akkuzat jaghzel li jipprova xi haga allura japplikaw ghalih ukoll ir-regoli li ghandhom x'jaqsmu ma' l-apprezzament tal-provi. Dawn huma uhud mill-brani sinifikanti f'dar-rigward:

"Il-principju principali li johrog mill-prezunzjoni tal-innocenza huwa li la darba l-akkuzat huwa prezunt innocenti, l-akkuzat ma huwa obbligat jipprova xejn …. Dan ma jfissirx li jekk l-akkuzat jaghzel li jipprova xi haga, certi regoli ta' kif ghandhom isiru l-provi ma japplikawx anke ghall-akkuzat. Ma jfissirx hekk imma jfisser biss li l-akkuzat mhux obbligat li jipprova xejn u jfisser li l-piz tal-prova, jigifieri l-obbligu biex tipprova l-akkuza, jew f'dan il-kaz, l-akkuzi kontra l-akkuzat, bl-elementi kollha taghhom,

bl-elementi kollha ta' kull akkuza, qieghed, mill-bidu sal-ahhar, fuq il-prosekuzzjoni …. U l-akkuzat ma ghandu ebda obbligu li jipprova xejn. Jekk naturalment l-akkuzat jaghzel li jipprova xi haga, u f'dan il-kaz l-akkuzat ghazel li jipprova xi haga, naraw li hemm certi regoli ta' kif tapprezza ix-xhieda, ta' kif tapprezza d-deposizzjoni ta' dak li jkun xehed, japplikaw allura ukoll ghall-provi jew prova li jkun gab l-akkuzat. Pero` dan ma jfissirx li l-akkuzat huwa obbligat li jipprova xi haga - hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li l-akkuzat huwa hati. L-akkuzat ma huwa obbligat li jipprova xejn …. L-akkuzat ghazel li jitla' jixhed u issa naraw kif … dawk ir-regoli jkunu japplikaw bhal ma japplikaw ghax-xhieda l-ohra kollha li smajna, japplikaw ukoll ghall-akkuzat u japplikaw ukoll ghal xi xhud jew xhieda li jkun gab l-akkuzat."[2]

"Jigifieri veru li l-akkuzat mhux obbligat li jixhed, pero` l-fatt li jaghzel li jixhed u jitla' jixhed u jesponi ruhu ghall-mistoqsijiet kollha taghkom, tal-prosekutur, u tal-Qorti, ecc. min-naha l-ohra ma jaghtihx xi privilegg anqas, jigifieri ma jaghtihx xi haga li tghid li lil dan ghandi nemmnu aktar milli nemmen xhud iehor. Le, l-akkuzat jitqies bhal kwalsiasi xhud iehor."[3]

Dak li qal l-Imhallef li ppresjeda l-guri meta kien qieghed jispjega l-artikolu 638 tal-Kodici Kriminali konsegwentement irid jittiehed fid-dawl ta' dak li kien diga` spjega qabel, inkluz il-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni u l-grad li jrid jilhaq l-akkuzat, u l-ispjegazzjoni dettaljata li ta dwar is-sinifikat kemm tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 638 kif ukoll tas-subartikolu (2). Difatti huwa qal hekk:

"'Bhala regola', tghidlek il-ligi, 'ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u ma jithalla barra ebda xhud li x-xiehda tieghu tkun importanti'. Ghaliex jekk ovvjament inti trid tipprova xi haga - issa din ir-regola tapplika, naghmluha cara, tapplika sia jekk il-prosekutur ikun irid jipprova xi haga sal-grad tal-konvinciment morali, sia jekk l-akkuzat jaghzel, ghax

2 Pagna 2 u 3 tal-kopja traskritta ta' l-indirizz.
3 Pagna 4 tal-kopja traskritta ta' l-indirizz.

mhux obbligat tinsewx l-akkuzat, imma jekk jaghzel li jipprova xi haga sal-grad tal-probabbli, ghax huwa sa hemmhekk obbligat li jasal, din ir-regola tapplika wkoll. Xi tfisser? Jekk xi hadd irid jipprova xi haga ghas-sodisfazzjon tal-gudikant, mela l-prosekutur sal-grad tal-konvinciment morali, l-akkuzat sal-grad tal-probabbli, sewwa, min jaghzel li jipprova xi haga, hu fl-interess tieghu li jgib l-ahjar prova biex jikkonvinci lill-gudikant …. Dan huwa l-qofol ta' din ir-regola sinjuri gurati u din ir-regola tapplika ugwalment, sew ghall-prosekuzzjoni u sew ghad-difiza basta li zzommu f'raskom li fil-kaz tal-prosekuzzjoni, il-prosekuzzjoni trid tipprova l-htija tal-akkuzat sal-grad tal-konvinciment morali li intom tghidu hekk gara; fil-kaz li jaghzel li jipprova xi haga l-akkuzat, ikun bizzejjed li jissodisfa l-grad tal-prova jekk huwa jippruvalkom sal-grad tal-probabbli …. Pero` mbaghad ghal din ir-regola, bhal fil-grammatika tal-latin, hemm l-eccezzjoni u tigi immedjatament wara. Il-ligi tghid: 'B'danakollu, f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud wiehed biss jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs li kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar' …. Ifisser li hawnhekk ma nimxux bin-numru tax-xhieda …. Jista' jkollok kemm ikollok xhieda li qed jghidu mod, jekk ikollok xhud wiehed biss li qed jghid mod iehor u inti xorta meta tkun qist ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, meta tkun applikajt il-bwon sens tieghek ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u jidhirlek li ghandek tiskarta dawn l-ghaxar xhieda u toqghod fuq dak ix-xhud wiehed biss, inti tista' tiddeciedi l-kaz a bazi ta' dak ix-xhud wiehed biss. U dan japplika sija jekk dak ix-xhud ikun xhud tal-prosekuzzjoni u sija jekk dak ix-xhud ikun xhud tad-difiza bid-differenza dejjem infakkarkom li l-prosekuzzjoni trid tipprova sal-grad tal-konvinciment morali waqt li d-difiza jkun bizzejjed jekk tipprova sal-grad tal-probabbli. Mela din ir-regola ukoll qed taraw tax-xhud wiehed biss tapplika ugwalment, kemm ghall-kaz tal-prosekuzzjoni, kemm ghall-kaz tad-difiza. Fi kliem iehor il-bottom line x'inhija? Mhux in-numru li jghodd imma l-kwalita` tax-xhud. X'taccetta jew ma taccettax jiddependi mill-kwalita` tax-xhud, inti kemm sa temmnu jew ma temmnux."

Dwar is-subartikolu (2) l-appellant ma jilmentax! Izda ma jistax japplika ghall-akkuzat dan is-subartikolu filwaqt li s-subartikolu (1) ma japplikax. Mhux hekk biss, imma s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 634 tal-Kodici Kriminali jipprovdi testwalment:

**"Id-disposizzjonijiet tal-ligi dwar ix-xhieda jghoddu ghall-imputat jew akkuzat li jaghti x-xiehda tieghu taht gurament".**

Ghalhekk dan l-ilment huwa michud ukoll.

It-tieni aggravju ta' l-appellant jirrigwarda s-sejbien ta' htija bhala awtur tad-delitt imsemmi fl-ewwel kap. Fir-rikors ta' appell tieghu jsostni hekk:

"Illi ghal dak illi ghandu x'jaqsam mas-sejbien ta' htija tal-esponent bhala awtur tad-delitt imsemmi fl-Ewwel Kap, anke l-istess allegazzjoni tal-Prosekuzzjoni hi dik illi l-akkuzat li ftiehem mal-hallelin baqa' jistennihom barra fil-van abjad waqt is-serqa biex jaharbu. Illi anke jekk wiehed jiskarta ghal kollox ix-xiehda tal-akkuzat, mill-provi ma jirrizulta bl-ebda mod illi l-akkuzat kien qrib bizzejjed tal-hallelin waqt is-serqa biex seta' jaghtihom l-ghajnuna tieghu waqt is-serqa. Madankollu, l-esponent gie misjub hati bhala awtur tad-delitt imsemmi fl-Ewwel Kap bl-aggravji kollha li rrizultaw li gew kommessi mill-erba' hallelin li kienu gol-bank.

Illi anke jekk wiehed jiskarta x-xiehda tal-akkuzat u jipprova jinkwadra lill-esponent bhala komplici fid-delitt tas-serq imsemmi fl-Ewwel Kap fejn, skond it-tezi tal-prosekuzzjoni, il-partecipazzjoni tieghu kienet li wassal u li baqa' jistenna l-hallelin biex jaharbu, mill-provi ma jirrizultax illi l-akkuzat wassal lill-hallelin bil-van jew b'xi mezz iehor. Fil-fatt m'hemm l-ebda prova illi l-akkuzat wasal fuq il-post qabel ma bdiet timmaterjalizza s-serqa.

Illi anke jekk wiehed jiskarta x-xiehda tal-akkuzat u ghall-grazzja tal-argument jasal ghal konkluzjoni illi hemm provi minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni illi l-akkuzat kien

komplici bil-partecipazzjoni tieghu kif allegat mill-Prosekuzzjoni fl-att tal-akkuza, m'hemmx provi skond il-ligi li jistghu jwasslu ghas-sejbien ta' htija minghajr ebda dubbju ragonevoli fir-rigward tal-aggravji.

Illi anke jekk wiehed jiskarta x-xiehda tal-akkuzat u jipprova jinkwadra lill-esponent bhala komplici billi dan ftiehem mal-hallelin qabel is-serqa biex dan jipprezenta ruhu fil-post tas-serqa wara li tkun bdiet is-serqa u jghinhom billi jsuq il-van bil-hallelin go fih biex dawn jaharbu, mill-provi jirrizulta illi l-esponent telaq minn fuq il-post qabel ma spiccat is-serqa u l-parti tieghu, illi jghin lill-hallelin jaharbu, ma wettaqhiex. Hi hawnhekk ir-rilevanza tan-nuqqas fl-indirizz tal-Onor. Imhallef li naqas li jispjega lill-gurati illi wiehed mill-elementi tal-komplicita` hu dak illi fil-fatt l-att tal-komplici irid ikun ghen lill-awtur fil-partecipazzjoni tad-delitt.

Illi jidher car li l-gurati skartaw ghal kollox ix-xiehda tal-akkuzat li spjega illi hu kien ma' genb il-post tas-serqa incidentalment u li l-involviment tieghu kriminuz kien jammonta biss ghal serq ta' van illi kien ma' genb il-post fejn saret is-serqa msemmija fl-Ewwel kap u dan indipendentement mid-delitt imsemmi fl-Ewwel Kap. Illi f'dan ir-rigward, l-esponent jissottometti umilment illi ma kien hemm xejn fix-xiehda tieghu [li] seta' jwassal lill-maggoranza tal-gurati biex ragonevolment jiskartaw din ix-xiehda u jaslu ghal konkluzjoni illi l-ispjega li ta ma kinitx wahda probabbli. Mhux talli hekk biss, izda talli c-cirkostanzi kif jirrizultaw mill-provi juru illi kieku l-esponent kellu x'jaqsam mad-delitt imsemmi fl-Ewwel Kap, la darba ddecieda li jabbanduna l-partecipazzjoni tieghu, kellu ghad-disposizzjoni tieghu toroq aktar facli li seta' ghazel biex ma jinqabadx u mhux jaghzel l-aktar triq difficli biex jilhaq dan l-iskop. Fost dawn hemm dawk illi l-akkuzat kien liebes b'normali, kwazi fil-genb tal-bank hemm triq li tizbokka fit-triq principali tal-bank u li s-sirena tal-Pulizija bdiet tinstema' ghal xi hin qabel ma l-vettura tal-Pulizija waslet ma' genb il-bank. Ghalhekk jidher illi l-gurati skartaw ix-xiehda tal-esponent fuq pregudizzju u mhux fuq dak illi tghid il-ligi, ghalkemm f'dan l-aspett il-gurati setghu gew indotti jaghmlu dan a bazi tad-direttiva illi tahom l-

Onor. Imhallef waqt l-indirizz meta qallhom illi s-sub-inciz (1) tal-art. 638 japplika wkoll ghall-akkuzat u b'hekk setghu ppretendew illi l-akkuzat igib aktar provi minn dawk li gab."

L-appellant imbaghad ikompli jghid li ghal dak li ghandu x'jaqsam mas-sejbien ta' htija tieghu tad-delitt imsemmi fit-tielet kap, jidher illi l-maggoranza tal-gurati waslu ghal din il-konkluzjoni fuq il-bazi tas-sejbien ta' htija tad-delitt imsemmi fl-ewwel kap, u ghalhekk f'dan ir-rigward jirreferi ghal dak li huwa ssottometta fir-rigward ta' l-ewwel kap.

Ghalkemm l-appellant jaghmel riferenza wkoll ghall-ilmenti tieghu li huwa qajjem permezz ta' l-ewwel aggravju, it-tieni aggravju hu bazikament kwistjoni ta' apprezzament tal-provi u fatti rizultanti. Din il-Qorti hi Qorti ta' revizjoni u, in ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi d-deposizzjonijiet tax-xhieda, id-dokumenti esibiti u l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, kif ukoll semghet ir-registrazzjoni tax-xiehda ta' John Grima u ta' l-akkuzat (liema xiehda ma gietx traskritta) u dan biex tara jekk a bazi tal-provi li kien hemm f'dawn il-proceduri, il-gurati, ben indirizzati mill-Imhallef, setghux legittimament u ragonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija ta' l-appellant ta' l-akkuzi taht l-ewwel u t-tielet kapi ta' l-att ta' akkuza skond il-verdett minnhom moghti. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti, u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss u xejn iktar, hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b'taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legittimament u ragonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet legittimament u ragonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta

mill-process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat. U bhalma kompla jghid Lord Hailsham fil-kaz aktar qabel citat:

**'[A direction to a jury] should also include a succinct but accurate summary of the issues of fact as to which a decision is required, a correct but concise summary of the evidence and arguments on both sides and a correct statement of the inferences which the jury are entitled to draw from their particular conclusions about the primary facts.'**

Minn dak li rat u qrat u semghet din il-Qorti, ma jidhirx li hemm xi raguni valida fit-termini appena msemmija ghaliex ghandha b'xi mod tvarja xi haga minn dak li ddecidew il-gurati bil-verdett taghhom dwar il-htija ta' l-appellant fuq l-ewwel u t-tielet kapi ta' l-att ta' akkuza. Il-provi huma tali li in bazi taghhom, fl-assjem taghhom, il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jikkonkludu kif ikkonkludew. Il-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi u jaraw jekk hux il-kaz li jaghtu affidament ghall-verzjoni li ta l-appellant. Evidentement il-gurati, li kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha u jaghmlu l-mistoqsijiet kollha li dehrilhom rilevanti, waslu ghall-konkluzjoni li ma jaghtux affidament ghall-verzjoni ta' l-appellant li dakinhar huwa nzerta biss ghaddej minn hdejn il-bank meta ddecieda li jisraq van li kien wieqaf hdejn il-bank bil-magna mixghula. Jidher car li l-gurati, fil-maggoranza taghhom, qablu li l-verzjoni ta' l-appellant kienet biss fabbrikazzjoni.

Fil-fatt jezistu provi cirkostanzjali li jippuntaw lejn il-partecipazzjoni ta' l-appellant. Huwa evidenti li min kien responsabbli ghas-serq mill-bank wasal hemm bil-van imsemmi, liema van kien originarjament ta' kulur blu meta nsteraq izda li nzebagh abjad qabel ma ntuza fil-gurnata in kwistjoni kif ukoll inbidlulu n-*number plates*. Il-hallelin dahlu fil-bank armati u fil-van instabu diversi *bullets*. John Grima, is-*security guard* li kien ghassa mal-bank u li kien

ghadu kemm fetah biex jibdew dehlin il-klijenti tal-bank, ikkonferma li kien van abjad li ra quddiem il-bank u li minnu nizel xi hadd mghammad li mar jigri lejh. Qal ukoll li meta ra l-van id-Depot dan kien "qisu" dak li kien ra quddiem il-bank. Il-verzjoni ta' l-appellant hi fis-sens li huwa kien fil-post hazin fil-hin hazin. Izda mhuwiex verosimili li grupp ta' nies jidhlu jisirqu minn bank u ma jhallu lil hadd jistennihom fil-mezz ta' trasport li jkunu se juzaw biex jaharbu minn fuq il-post. Gie ndikat li l-appellant ma kienx liebes *boiler-suit* u skufja bhalma kienu l-hallelin li dahlu fil-bank. Izda kieku kien liebes hekk ukoll u jibqa' jistenna barra, certament kien jaghti fil-ghajn u jinghata l-allarm minn min seta' jinduna bih. Hemm imbaghad ix-xiehda tal-Pulizija li gew avzati minn mara li kien qieghed isir *hold-up* fil-bank u li telqu jigru bil-van taghhom lejn il-bank u li spjegaw il-mod kif, meta deher li x-xufier tal-van kien induna bihom, qala' minn fejn kien wieqaf biswit il-bank bi speed eccessiv. Dawn ix-xhieda ndikaw ukoll kif il-bieba ta' wara tal-van kienet miftuha u kif zviluppat tigrija wara l-appellant biex jippruvaw jilhquh.[4]

Dwar jekk l-appellant ghandux jitqies bhala ko-awtur jew bhala komplici, m'hemm l-ebda dubju li l-appellant huwa ko-awtur fir-reat hawn in kwistjoni, *"ghax il-korreu mhux ristrett ghal dak biss li kien l-esekutur dirett ta' l-att konsumattiv izda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali ghall-esekuzzjoni tar-reat"* (Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Nazzareno Briffa et**, 3 ta' Frar 1984 - Vol. LXVIII.v.309; ara wkoll Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Salvu Muscat**, 9 ta' Novembru 1957 - Vol. XLI.iv.1484). Il-fatt li l-appellant ma harrabx lil min kien dahal jisraq mill-bank ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` tieghu. Huwa telaq minn fuq il-post ghax tfaccat il-Pulizija. Sadattant ir-reati in kwistjoni kienu gew kommessi.

Dwar il-htija ta' l-appellant fir-rigward tat-tielet kap ta' l-att ta' akkuza ftit hemm x'jinghad. Anzi in vista ta' dak li ntqal dwar l-ewwel kap, m'hemmx dubju li l-konkluzjoni tal-gurati fir-rigward tat-tielet kap kienet korretta.

4 Ara xiehda ta' P.S. 589 Anthony Deguara, P.S. 1003 Nazzareno Pace, P.C. 1129 Adrian Ellich u P.C. 848 Lawrence Gabriel.

It-tieni aggravju hu konsegwentement ukoll michud.

It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant isostni li fi kwalunkwe kaz il-piena nflitta fuqu hi gravuza ferm, mehud kont tac-cirkostanza illi hu ma wettaqx il-parti tieghu illi jistenna lill-hallelin izda harab minn fuq il-post u hallihom ifendu ghal rashom. Inoltre z-zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz ma giex moghti lill-appellant u addirittura gie mehud in konsiderazzjoni fil-piena nflitta. Fit-trattazzjoni orali d-difensur ta' l-appellant issottometta li l-Qorti issa hija marbuta li tnaqqas il-perijodu ta' arrest preventiv ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kodici Kriminali kif sostitwit bl-Att III tas-sena 2002.

Huwa veru li skond l-artikolu 22 tal-Kodici Kriminali, illum mhuwiex mehtieg li l-Qorti tiddikjara hi jekk perijodu maghmul taht arrest preventiv ghandux jitnaqqas jew le sabiex dan jitnaqqas, izda huma l-awtoritajiet tal-habs li ghandhom jassiguraw li, purche` ma jezistux l-eskluzjonijet imsemmijin f'dan l-artikolu, jitnaqqas iz-zmien li l-hati jkun ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reat li dwaru jkun gie kkundannat. Izda skond l-artikolu 168 ta' l-imsemmi Att III ta' l-2002, li huwa artikolu tranzitorju, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 22 qabel id-data tal-bidu fis-sehh ta' dak l-Att *"ghandhom ikomplu japplikaw ghal kull sentenza li tinghata qabel id-data relevanti dwar kull persuna jew li tinghata fid-data relevanti jew warajha dwar persuna li fid-data relevanti tkun fil-habs tistenna biex tigi processata ghar-reat jew reati li dwarhom tkun is-sentenza u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 8 … ta' dan l-Att ma jkollhom ebda effett fuq sentenza bhal dik"*. Ghalhekk f'dan il-kaz l-artikolu 22 gdid ma japplikax.

Issa fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni, *inter alia*, iz-zmien li l-appellant ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz u meta stabbiliet il-piena ma ordnatx li minnha ghandu jitnaqqas iz-zmien li kien ghamel taht arrest preventiv. Fid-

diskrezzjoni taghha l-Qorti setghet taghmel dan kif kien jipprovdi l-imsemmi artikolu 22.

Wara li din il-Qorti qieset dan kollu, wara li qieset ukoll li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi fil-parametri tal-ligi, kif ukoll li partikolarment ir-reat taht l-ewwel kap kien wiehed ferm serju, u li l-kondotta ta' l-appellant kienet wahda refrattarja, u wara li din il-Qorti ghamlet ukoll ezami akkurat ta' l-atti, ma ssib l-ebda raguni valida legalment sabiex tiddipartixxi mill-piena nflitta mill-ewwel Qorti. B'hekk anke it-tielet aggravju hu respint.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma fl-intier is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-20 ta' Jannar 1999 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech,** b'dan li l-perijodu ta' xahar ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali fl-ammont ta' erba' mija sitta u erbghin liri u sittax-il centezmu (Lm446.16) jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------